KUNSILL LOKALI HAL LIJA
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, HAL LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBGĦA KUNSILL**

**SEDUTA NRU 45 – Il-Ħamis 17 ta' Marzu 2016 fil-16.45hrs**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Sindku |
| | Is-Sinjorina Stephanie Cutajar | Viċi Sindku |
| | Dr. Marc Sant | MinorityLeader |
| | Is- Sur Massimo Scerri | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsilliera |

## 1. INTRODUZZJONI

1.1 Il-laqgħa bdiet fil-5.05p.m. b'introduzzjoni mis-Sindku. Hija introduċiet lil l-Avukat tal-Kunsill Dr. Kris Balzan biex jispjega lill-Kunsill is-sentenza tal-Qorti li nqagħtet nhar it-Tnejn 14 ta' Marzu 2016 fuq l-Antenna ta' Triq Preziosi, Ħal Lija.

1.2 Dr. Balzan informa lill-Kunsill li l-kawża kienet bdiet fis-sena 2009, qal li għandna deċiżjoni u mhux kuntent biha. Il-Qorti ċaħdet it-talba tal-Kunsill għax ma pprovatx li l-antenna hija detriment tas-saħħa. Għalhekk il-Qorti ma qalitx li l-Antenna titneħħa imma tat rakommandazzjoni li għandhom jgħollu l-antenna sa massimu ta' għaxar metri u fl-istess ħin jilħaq isir moniteraġġ mill-Melita.

1.3 Dr. Balzan qal ukoll li huwa kien issuġerixxa li jiġu esperti ta' ċertu kalibru, barranin. Fuq din il-proposta, la r-residenti u lanqas il-Kunsill ma kienu qablu ma' din l-idea minħabba l-ispejjes.

1.4 Huwa qal li l-espert li kellna li ta' ħafna ħin biex iħejji rapport u li kienet waħda mir-residenti u l-parir tagħha tatulna b'xejn.

1.5 Il-Kunsill irid jiddeċiedi jekk jappellax jew le għas-sentenza tal-Qorti u li l-ispejjes huma nofs bin-nofs.

1.6 Il-Kunsill iddeċieda unanimament li ma jappellax u jekk jiġri xi ħaġa fil-futur għandna ngħidu li kienet id-deċiżjoni tal-Qorti.

1.7 Qabel ma telaq l-Avukat, il-Minority Leader Dr. Marc Sant ried li nitkellmu miegħu fuq li l-Kunsill għadu bla kuntratt tal-premises tal-Kunsill.

1.8 Is-Segretarju nfurmat li draft contract qed jiġi ppreparata mill-University Residence u meta dan ikun lest għandu jiġi iċċekkjat min Dr. Balzan bħala l-Avukat tal-Kunsill u min Dr. Marc Sant bħala Avukat ukoll.

1.9 Is-Segretarju nfurmat li l-Awdituri qalu li din xorta waħda mhux ser tkun konformi mal-liġi għax suppost kellha tinħareġ tender għal binja tal-Kunsill.

1.10 Dr. Balzan qal li l-Kunsill għandu forsi joħroġ avviż li jgħid li hu qed iffittex li jikri post alternattiv għall-binja tal-Kunsill.

1.11 Is-Sindku, nfurmat li fuq dak il-post li hija kellha tindaga fuqu, hija nfurmat jista jsir arranġament li l-kera li qed inħallsu tista titqies bħala loan fuq il-post.

1.12 Il-Kunsill irringrazzja lil l-Avukat Dr. Balzan tal-presentazzjoni tas-sentenza fuq l-Antenna. Dan ħareġ mill-kamra tal-Kunsill fis-17.45p.m.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi, stiednet lill-Kunsilliera biex jekk għandhom xi korrezzjonijiet għal minuti nr 43 u 44 jagħmluhom.

2.2 Peress li ma kienx hemm korrezzjonijiet, fuq proposta tas-Sur Massimo Scerri sekondat mis-Sinjura Lorraine Farrugia minuti nr 43 u 44 ġew approvati unanimament.

## 3. ARISING

3.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq il-pole li qiegħed f'nofs għalqa fi Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela. Hija qalet li għandha indaħlu l-Perit biex jagħti l-parir tiegħu għax it-triq qiegħeda tisfronda.

3.2 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Naudi qalet li l-ewwel darba li jiġi l-perit għandna ngħidulu biex imur on site biex jara x'hemm bżonn li jsir f'din it-Triq.

3.3 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li qed nippreparaw lista għall-Perit biex jiġi darba.

3.4 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar staqsiet fuq kif bqajna mar-residenta li kellha 'No Parking' mat-tieqa fi Triq Sir Ugo Mifsud.

3.5 Is-Segretarju nfurmat li hija u s-Sindku kienu kellmu lir-residenta u anke kellha appuntament mas-Sindku imma l-appuntament kien ġie pospost minn naħa tar-residenta.

3.6 Il-Kunsill baqa' issostni li din is-sign mat-tieqa hija kontra l-liġi għalhekk dan għandu jiġi enforzat. Hija anke qed toħroġ lasta bin-'No Parking' fuqha.

3.7 Għandha tintbagħat ittra lir-residenta biex ninfurzaw li dawn is-signs huma kontra l-liġi u ma jistgħux isiru.

## 4. DEĊIŻJONI FUQ IT-TENDERS TAL-PARKS AND GARDENS U TAL-MAINTENANCE TAD-DAWL

4.1 Is-Segretarju nfurmat li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand ir-Reġjun Ċentru fejn ma ntlaħaqx ftehim biex tinħareġ tender reġjonali fuq l-*installation and maintenance* ta' l-*Street lighting* u qalulna biex inkomplu nipproċedu bit-tender tagħna. Għalhekk peress tender waħda biss kienet daħlet, il-Kunsill ikkonferma li J. F. Mallia Ltd jiġi *awarded* din it-tender.

4.2 Fuq it-tender tal-*Parks and Gardens*, il-Kunsill iddeċieda unanimament li WM Environmental Ltd. ikun *awarded* b'din it-tender. Wara li ssir l-acceptance letter, il-Kunsill għandu jiltaqa' mal-Kuntrattur il-ġdid.

Ġie deċiż hekk peress li huwa kien l-irħas tenderer u għalkemm il-Kunsill xtaq jitkellem mat-tlett tenderers cioe' Mr. Chris Bezzina u l-ELC LTD, qabel ma jiddeċiedi, wara li ħa parir mid-Dipartiment, dan ma setax jagħmlu.

Il-Kunsill ħa din id-deċiżjoni minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja li jinsab fiha.

## 5. VIP LIST

5.1 Resident li joqgħod Triq Tal-Mirakli qed jitlob biex ma' l-arblu li hemm quddiem central strip, jew x'imkien ħdejh, issir mera għax meta joħroġ mill-garaxx qiegħda tkun diffiċli għalih biex jara l-karozzi neżlin. Il-Kunsill qabel ma din ir-request u għandha tintbagħat lit-Transport Malta għal l-approvazzjoni.

5.2 Residenta li toqgħod Ħ'Attard pero tattendi l-quddies dejjem fil-Kappella tal-Mirakli u anke tgħin f'din il-Kappella tixtieq tagħmel request lill-Kunsill Lokali biex isir parking bay għall-persuni b'diżabilita' għaliex m'hemmx. Hi għandha ġuvni ta' 53 sena b'diżabilita ta' mobilita' u sibha ħafna diffiċli għaliex ma sibx tipparkja u hi m'għadiex żgħira għalhekk huwa ferm diffiċli li tipparkja l-bogħod u timxi l-way kollha flimkien ma' tifel tagħha.
Il-Kunsill approva din ir-request u għandha tintbagħat lit-Transport Malta għal l-approvazzjoni. Din ir-reserved parking għandha ssir eżatt mar-rampa u bil-fors ma jistax isir parking iktar minħabba r-rampa.

5.3 Residenta qed tagħmel request biex jiġi rrestawrat iċ-ċimiterju tal-Abbati għax dnub jintilef. Il-Kunsill ikkonferma li dak iċ-ċimiterju mhux propjeta' tal-Kunsill imma huwa tal-Knisja. Il-Kunsill għalissa xorta mhux f'pożizzjoni finanzjarja li jirranġa dan iċ-ċimiterju.

5.4 Resident qed jagħmel request biex jiżdied parking bay ieħor fi Triq Annibale Preca quddiem il-blokka flats Silver Lining. Huwa qal li quddiem din il-blokka hemm 5 parking bays. Dawn huma kbar ħafna u faċli jitnaqqsu ftit biex magħhom jidħol parking bay ieħor u jkun hemm 6. Huwa ġieli tkellem ma' nies oħrajn tal-blokka u jaħsbuha bħalu għax hemm ħafna problemi ta' parking. Il-Kunsill iddeċieda għandna mmorru on site mas-Sur Muscat tat-Transport Malta biex jagħtina parir.

5.5 Is-Sid tal-villaġġ qed jagħmel request lill-Kunsill biex jiċċekja jekk il-parking bay li hemm fil-kantuniera mhux qiegħed sew skond il-liġi u jekk hu possibbli jitneħħa u jsiru double yellow lines minflok. Il-Kunsill ma qabilx ma' din ir-request peress dan il-parking bay sar mit-Transport Malta.

5.6 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar qalet li s'issa għandhom ma bdewx jagħtu ċitazzjonijiet wara it-8.00p.m. ħdejn il-bars. Għandu jiġi iċċekkjat dwar dan mal-LESA.

5.7 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant ressaq ilment li hemm ħofra fuq il-bankina fi Triq Robert Mifsud Bonnici ftit il-fuq mill-Bus Stop.

Ittra mingħand resident fi Sqaq Nru.2 Triq Preziosi fejn qed joġġezzjonaw dwar il-bankina li l-Kunsill irid jiddeċiedi fuqha fi Sqaq Nru.2 Triq Preziosi u li ġiet approvat mit Transport Malta. Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li kif kien ġie deċiż l-ittri bl-ingliż u bil-Malti biex jintalbu għas-suġġerimenti ta' x'hini l-aħjar soluzzjoni għal problema

fejn il-gallarijiet qed jintlaqtu minn trukkijiet kbar ser jintbagħtu għada l-Ġimgħa 18 ta' Marzu 2016. Hija nfurmat lill-Kunsill li kienet talbet lis-Sur Kevin Abela biex issir laqgħa mal-Kunsill biex il-Kunsill jinforza li għandhom isiru permessi għat-trukkijiet kbar bin-'No Parking Signs' temporanjament. Huwa irrisponda imma għadu ma tax data għal din il-laqgħa imma nforma li għalissa mhux ser ikun hemm *functions* ġo Villa Francia.

5.8 Kuntratt li ser jiskadi tal-GreenPak fl-aħħar ta' Marzu (22 ta' Marzu 2016). Il-Kunsill irid jiddeċiedi jekk jibqax mal-Green Pak jew jaqleb mal-Green MT. Il-Kunsill iddeċieda li għandha tintbagħat e-mail kemm lill-GreenPak u anke lill-Green MT biex it-tnejn jibgħatu l-proposals tagħhom. Il-Kunsill ser jiddeċiedi wara li jkollna l-proposals.

5.9 Ittra mingħand is-Sinjura Dorianne Bonnici Bondin fejn infurmat lill-Kunsill li ser tieħu l-Maternity Leave f'Ġunju li ġej, tagħmel request għal unpaid leave għal Novembru u Diċembru 2016 u tagħmel talba lill-Kunsill biex minn Jannar 2017 tibda taħdem bir-reduced hours. Saret diskussjoni fuq dawn ir-requests. Is-Segretarju spjegat li meta is-Sinjura Bonnici Bondin tiġi bir-*reduced hours* bilfors irid ikun hemm xi ħadd ieħor minn flokha, anke minħabba l-fatt li jekk l-iskrivana l-oħra tkun bil-leave jew sick leave, skrivana l-uffiċċju mhux ser ikun hemm ħadd. Hija kompliet tgħid li hija bħala Segretarju anke minħabba xogħol ieħor barra ma tistax tintrabat li tibqa l-uffiċċju weħidha minghajr skrivana.
Il-Kunsill approva l-unpaid leave tas-Sinjura Dorianne Bonnici Bondin u approva ukoll li hija tibda tahdem 'reduced hours' minn Jannar 2017.
Is-Segretarju nfurmat li sar il-*homework* fir-rigward ta' spejjes u hemm żewġ options:

a. OPTION 1

   Is-Salarju ta' Dorianne ser jorħos €401.54 kull xahar

   L-overtime tas-Sibtijiet għal Pamela ser jitneħħa €140.14 kull xahar

   Hekk il-Kunsill ikollu iħallas €32.72 iktar fix-xahar

b. OPTION 2

   Jekk ma jerġax joħroġ il-call għal Contracts Manager f'Diċembru, il-Kunsill ser ikollu il-flus li qed jiswa lill-Kunsill għad dispożizzjoni tiegħu allura l-Kunsill jibqa' minn fuq.

Is-Segretarju għamlitha ċara li biex skrivana taħdem is-Sibijiet trid tiġi bħala volonta minnha u mhux tiġi imposta fuqha.

Ġie deċiż li ssir call għall-Part Timer u li taħdem għoxrin siegħa fil-ġimgħa. Is-Segretarju għandha tinforma lid-Dipartiment biex tieħu l-approvazzjoni u wara tkompli bil-proċedura ta' recruitment.

5.10 Resident qed jitlob biex titneħħa r-reserved parking tal-Ingliż li hemm fi Triq tal-Mirakli. Dan għaliex, min kien talab għal dan ir-reserved parking rari jkun Malta. Ir-resident qal li infatti jgħix barra, l-Ingilterra, u jinżel Malta biss xi darbtejn fis-sena. Għalhekk ma tantx għandu użu dan ir-reserved parking u minħabba li ma tantx jintuża qed jipparkjaw fuqu filgħaxija u filgħodu jsibu ċitazzjoni ovvjament. Fil-passat, dan ir-reserved parking kien intalab minn Hon. Hose Herrera u kien sar mingħajr permess.
Is-Segretarju qalet li dan ir-reserved sar mingħajr permess u Transport Malta qalulna biex dan jitneħħa allura l-Kunsill iddeċieda li dan jitneħħa u tiġi mpustata ittra b'din id-deċiżjoni mill-Kunsill.

5.11 Is-Segretarju ressqet kwotazzjoni mingħand il-kuntrattur tal-latrini s-Sur Carmel Desira għal bibien tal-latrina tan-nisa peress li dawn huma imkissra. Is-Sindku nfurmat li l-Pilot Project li kien ser jinbeda għalissa waqaf kollox u għalissa kulħadd ser jibqa bil-kuntratt tal-latrini eżistenti. Is-Sindku qalet li bħala Kunsill konna għadna ma aċċettajniex dan il-proġett. Kull ma tressqu għalissa huma proposals u l-Kunsill ta' l-informazzjoni minn naħa ta' Ħal Lija. Hija kompliet tgħid li għalissa ma aħniex interessati.

5.12 Is-Segretarju enfażizzat li hija urġenti li jissewwew il-bibien tat-toilets tan-nisa. Wara li nqrat il-kwotazzjoni, l-Kunsill iddeċieda li t-tlett toilets għandhom ikunu miftuħa u iridu spjegazzjoni għaliex żewġ toilets għandhom ikunu magħluqa. Il-Kunsill iddeċieda li għandhom jinġiebu tlett kwotazzjonijiet oħra. Għandna nistaqsu lill-ħaddiem tal-Kunsill u l-bibien għandhom ikunu ta' l-Aluminium.

5.13 Residenta li toqgħod fid-dar Nru.181 Triq Annibale Preca tixtieq tagħmel request biex quddiem il-garaxx tagħha li bħalissa qiegħda tirranġa ssir kaxxa safra jew inkella mal-ġnub tal-garaxx jkollha double yellow lines. Bħalissa hija għandha ukoll *reserved parking space* quddiem id-dar għax ir-raġel tagħha għandu diżabilta. Iżda hija qalet li kif tingħata permess biex issir il-kaxxa jew id-*double yellow lines*, din ir-*reserved parking* li għandha bħalissa tista titneħħa għax imbagħad tibda' tipparkja quddiem il-garaxx. Il-Kunsill iddeċieda li għandna nitkellmu mar-residenti tal-faċċata biex naraw jekk għandix 'blue sticker' imma jekk ma għandix trid tapplika għaliha. Kif jitlesta l-garage għandhom isiru yellow lines mal-ġnub tal-garage. Irridu naċċertaw ruħna li dan il-garage ser jintuża bħala garage.

5.14 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill kont ta' L-Arms ta' Soft Area fi Triq Robert Mifsud Bonniċi għal l-ammont ta' €424.80. Dan l-ammont huwa *back dated* għal ħafna snin għal kera tal-meter biss għax konsum mhux jinħela. Is-Segretarju staqsiet jekk dan l-arloġġ għandux jinqala għax kien jintuża biss meta kien hemm il-funtana taħdem.

5.15 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa għal dan l-arloġġ hux qed jintuża biex jinġabar l-ilma għat-tisqija. Għandna nistaqsu lill-ġardinar jekk dan l-arloġġ hux qed jintuża biex jinġieb l-ilma biex isaqqu. Dr. Sant staqsa ukoll biex jiġi stabbilit ta' kemm snin huwa dan l-ammont ta' €424.80.

5.16 Resident qed jitlob biex l-sleeping policeman li hemm fi Triq il-Kbira fejn il-garfields jew tiċċaqlaq daqsxejn lura jew inkella jitwal aktar mill-ġenb. Dan għaliex il-muturi li jgħaddu minn hemm biex jevitaw jitilgħu fuq l-isleeping police qed jgħaddu minn mal-ġenb u jiġu *close* ħafna mal-bankina u ħabba li hemmhekk qiegħeda kantuniera jiġi viċin ħafna ta' min ikun għaddej minn fuq il-bankina. Mhux l-ewwel darba li intlaqtu xi nies għaddejin minn hemm.

5.17 Il-Kunsill iddeċieda li għandna nitkellmu mal-ħaddiema tal-Kunsill biex naraw jekk din ir-rampa tistax tiġi minn ħajt sa ħajt.

5.18 2 Rampi ta' tarmac li saru fi Triq il-Kunċizzjoni minn resident għal 3 raġunijiet. 1. Għaliex hemm sprall li sar minħabba xita bil-permess ta' TM għal ilqugħ ta' xita. 2. Għaliex il-karozzi jgħaddu sparati u kienu ser jolqtu waħda mara. 3. Għax jgħaddu trukkujiet kbar u saret *for safety*. Dan ir-residenti bagħat ittra ta' apoloġija peress li ma ħax permess mill-Kunsill biex jagħmel dawn ir-rampi. Wara diskussjoni ġie deċiż li għanda tintbagħat request urġenti lit-TM bir-ritratt ta' dawn ir-rampi biex japprovawhom. Jekk ma japprovawhomx dawn jitneħħew immedjament. Jekk jiġu approvati dawn għandhom jinżebgħu.

5.19 Site tas-Sur Anġlu Xuereb fi Triq Preziosi fi telgħa ta' Villa Francia ser tibda tibena. Din is-site ser tibena f'dar ta' 2 sulari. Il-Makkinarju ser ikun minn ġewwa pero irid jinbena *retaining wall* importanti ħafna għal *safety*. Il-Kunsill ma jsib ebda oġġezzjoni għal dan ir-*retaining wall* daqs wisa' ta' bankina.

5.20 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li kien kellimha l-Awditur li fuq Ktieb Ħal Lija fi Tfuliti, l-informazzjoni mhiex ċara għal fatt li l-kotba

mhumiex il-Kunsill, qegħdin inferxin l-Awstralia, fl-għaqdiet u anke postijiet oħra. La nafu jekk inbiegħu u lanqas nafu x'fadal. Is-Segretarju kompliet tgħid li kellha laqgħa mas-Sur Sammut fejn huwa xorta ma jistax jagħti stampa ċara ta' rendikont fuq il-kotba u fuq il-flus li nġabru għax l-anqas hu ma jaf. Is-Segretarju enfażizzat li dawn huma flus tal-Kunsill u l-ewwel ħaġa li trid issir li l-istock kollha li fadal irid jinżamm taħt il-kustodju tal-Kunsill.

5.21 Is-Segretarju qalet ukoll li l-flus li qed jiddaħlu minn dawn il-kotba mhumiex qed imorru għar-restawr tal-pitturi kif kien il-ħsieb imma qed tinħareġ irċevuta mill-Kunsill u jiġu depożitati fl-Accounts tal-Kunsill.

5.22 Għanda tintbagħat lil l-Awditur u lill-Kunsill ir-rendikont tal-flus li irċevejna minn dawn ir-revisti u l-istock li fadal.

## 6. TRAFFIC MANAGEMENT

6.1 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi, tkellmet fuq it-traffic management u li hija pruvat titkellem mal-Profs. Maria Attard pero hija kienet imsiefra. Is-Sindku riedet tistaqsi il-*way forward* fuq il-pilot project. Ir-residenti kellhom suppost jiġu jaraw il-proġett fl-uffiċċju tal-Kunsill u jiffirmaw petition. Wara li nitkellmu ma' l-entitajiet kollha, isir studju biex naraw x'inhu addattat għalina għax ċerti one way iridu jsiru u anke bżonn urġent li jitnaqqas it-traffiku.

6.2 Is-Sur Massimo Scerri qed jisuġerixxi li ssir exhibition tal-proġett kollhu. Il-Kunsill qal li meta għamilna *call* għar-residenti fil-gazzetti u tgħid li l-Kunsill għandu pioneer project fuq it-traffiku biex inħajruhom jiġu jaraw dan il-proġett.

6.3 Id-deċiżjoni hija li l-Kunsill irridu naħdmu ma' Profs.Maria Attard u nistabilixxu t-triq il-quddiem.

## 7. KORRISPONDENZA

7.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq l-attivitajiet tat-tfal pero minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja baqgħet lura. Il-problema hija ukoll in-nuqqas ta' parteċipazzjoni.

7.2 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi ressqet quddiem il-Kunsill ittra bil-firem mir-residenti ta' Alley nr 3 Triq il-Forn, fuq l-istat ħażin ta' l-isqaq. Irridu ninfurmaw lir-residenti li kif joħorġu l-proġetti kapitali il-Kunsill ser japplika biex isiru l-isqaqien u li l-Perit diġa għandu kollox lest.

7.3 Is-Sindku, S-Sinjura Magda Magri Naudi, nfurmat lill-Kunsill li kellha laqgħa fir-Reġjun ma' CEO is-Sur Ray Zammut u s-Sinjura Liz Vassallo LESA fejn kulhadd kellu l-opportunita' li jistaqsi fuq is-sistema tal-Wardens. Hija qalet li issa l-Green Wardens ma għadhomx jeżistu u l-Wardens qed jagħmlu *dual works* u warden normali jista jagħmel xoghol ta' Green Warden. Hija kompliet tgħid li tawhom il-prezzijiet pero is-Segretarju kkonfermat li s'issa il-Kunsill għadu ma irċieva xejn rigward dawn il-prezzijiet ta' kemm jiswa l-Warden anke filgħaxija.

7.4 F'din il-laqgħa ġie ikkonfermat li l-Kunsill jista jiddeċiedi hu fejn jibgħat l-Wardens anzi is-Sur Zammit faħħar l-Kunsill ta' Ħal Lija għal l-aħjar Kunsill għal fatt li nagħmlu kuntatt ħames jew sitt darbiet kull jum u ngħidulhom eżatt fejn ikun hemm bżonn tal-Wardens fejn ikun hemm l-aktar problemi.

7.5 Is-Sindku nfurmat ukoll li kellha il-laqgħa ma' CEO fuq *one to one basis*.

7.6 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar qalet li l-Wardens mhux qed ikunu filgħaxijiet u qed ikun hawn ħafna ħmieġ tal-klieb iktar minn qatt qabel.

7.7 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant qal li hu kien tkellem mar-Reġjun biex isemmu fuq il-Crowd Funding – in-nies iffandjaw proġett. Isir promotion u jintalab donation. Għandhom jiġu jitkellmu fir-regjun fuq dan il-kunċett.

## 8. APPROVAZZJONI TA' L-ISKEDA TA' ĦLASIJIET U APPROVAZZJONI TAL-PETTY CASH

8.1 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant u s-Sinjorina Lorraine Farrugia ma approvawx il-pagamenti nr 1 and 2 tal-Waste Collection .

8.2 Dr. Marc Sant staqsa fuq kemm il-sena huwa l-kont ta' ARMS li kien diga diskuss qabel fil-istess laqgħa. Għandu jigi ikkuntantjat rappreżentat mill-ARMS biex jiġi stabillit għal kemm snin huwa l-kont dovut lilhom Sur Massimo Scerri sekondat mis-Sinjorina l-iskeda tal-pagamenti għax-xahar ta' Marzu flimkien ma l-iskeda tal-Petty Cash ġew approvati unanimament.

8.3 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar staqsiet fuq il-crane tal-Moulin d'Or. Is-Segretarju nfurmat li l-problema ġiet riżolta.

## 9. KOMMUNIKAZZJONI MILL-KUNSILLIERA

9.1 Is-Sur Maassimo Scerri ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill il-miltstones li irid jilħaq.

a. Il-Kunsill irid jara kif ser isib post alternattiv ieħor bħala ufficċju irħas bħala kera.
b. Il-Kunsill irid jara kif ser inġibu s-servizzi tas-Social Services fl-ufficċju tal-Kunsill. Is-Segretarju nfurmat li ma nistgħux nagħmlu xejn qabel ma jkollna xi forma ta' kuntratt mingħand il-University Residence.
c. Il-Kunsill ser ikompli jaħdem fuq il-biċċa art biex jinbnew l-ufficċini l-ġodda tal-Kunsill. Kemm l-Awdituri u kemm l-Accountant infurmaw li l-Kunsill mhux f'pożizzjoni li jieħdu loan.
d. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ressqet quddiem il-Kunsill biex jinxtara bukkett tal-fjuri ħomor u bojod biex jiġi ppreżentat għal l-okkażżjoni ta' Jum il-Ħelsien il-31 ta' Marzu 2016.
e. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ressqet ilment li fi Trejqa Kjeriku Ġakbu Abela u limiti ta' Sejduna hemm bżonn li jinqata l-ħaxix. Għandna ngħidu lill-ġardinar biex jagħmel dan ix-xogħol.

9.2 Il-laqgħa li jmiss ser isir nhar il-Ħamis 21 ta' April 2016 fil-4.45p.m.
9.3 Il-laqgħa ta' Mejju ser issir nhar il-Ġimgħa 20 ta' Mejju 2015 fil-04.15p.m.

## 10. TMIEM

Is-Seduta intemmet fit-19.55 hrs b'mod unanimnu.

| | |
|---|---|
| Magda Magri Naudi | Georgette Borg |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |